

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Flessigurtà

(2008/C 105/04)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jsejjaħ sabiex minn issa 'l quddiem ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-twettiq tal-flessigurtà fil-kuntest ta' l-istrategġija ta' Lisbona jiġi kkunsidrat f'diskussjonijiet futuri, sabiex l-importanza ġenwina tiegħu tirrifletti kemm fil-livell ta' l-UE kif ukoll ta' l-Istati Membri. Permezz tal-kapaċità ewlenija tagħhom fit-twassil tal-politiki tal-flessigurtà, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jgħolqu swieq tax-xogħol dinamiċi, jgħinu liċ-ċittadini sabiex isibu x-xogħol, u jipprovdu ħarsien għal dawk li ma jkunux daħlu fis-suq tax-xogħol, u għaldaqstant għandhom ikunu involuti sa mill-bidunett tat-tfassil tal-politika;
- iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, kulfejn huwa possibbli, tuża l-metodu Komunitarju u jtenni li l-proċess tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, li qed isir iktar prominenti fl-iżvilupp tal-politika ta' l-UE, għandu jsir iktar inklużiv u jinvolvi varjetà ta' partijiet interessati, inkluż il-gvern lokali u reġjonali, li huwa l-livell li fih is-soltu tiġi implimentata politika bħal din;
- jitlob sabiex jiġi estiż il-proċess ta' revizzjoni minn pari (peer review) ta' l-istrategġija ta' Lisbona ta' l-UE, eżistenti għall-gvernijiet ta' l-Istati Membri, sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet oħra interessati jkunu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn dawn l-iskambji bejn pari fl-UE kollha u jistudjaw forom differenti tal-flessigurtà;
- jirrakkomanda "summits" annwali sabiex tittejjeb l-interazzjoni parteċipattiva fil-livell Ewropew bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-KtR sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' l-aġenda, il-konsultazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-flessigurtà u l-Aġenda ta' Lisbona f'kuntest usa', li jkompli jibni fuq il-laqgħat dwar id-Djalogu Strutturati bejn il-KtR u l-Kummissjoni u fuq il-Pjattaforma ta' Monitoraġġ ta' l-istrategġija ta' Lisbona tal-KtR.

Rapporteur: Il-Kunsillier Dave QUAYLE (UK/PSE), Kunsill tal-Belt Metropolitana ta' Trafford

Dokument ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — *Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjegi u impjegi aħjar permezz tal-flessibilità u s-sigurtà*

COM(2007) 359 finali

Rakkomandazzjonijiet ta' politika

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Osservazzjonijiet ġenerali dwar ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali

1. jsejjaħ sabiex minn issa 'l quddiem ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-twertiq tal-flessigurtà fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Lisbona jiġi kkunsidrat f'diskussjonijiet futuri, sabiex l-importanza ġenwina tiegħu tirrifletti kemm fil-livell ta' l-UE kif ukoll ta' l-Istati Membri. Permezz tal-kapaċità ewlenija tagħhom fit-twassil tal-politiki tal-flessigurtà, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jgħallqu swieq tax-xogħol dinamiċi, jgħinu liċ-ċittadini sabiex isibu x-xogħol, u jipprovdu ħarsien għal dawk li ma jkunux daħlu fis-suq tax-xogħol, u għaldaqstant, għandhom ikunu involuti sa mill-bidunett tat-tfassil tal-politika;

2. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, kulfejn huwa possibbli, tuża l-metodu Komunitarju u jtenni li l-proċess tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, li qed isir iktar prominenti fl-iżvilupp tal-politika ta' l-UE, għandu jsir iktar inklużiv u jinvolvi varjetà ta' partijiet interessati, inkluż il-gvern lokali u reġjonali, li huwa l-livell li fih is-soltu tiġi implimentata politika bħal din;

3. jitlob sabiex jiġi estiż il-proċess ta' reviżjoni minn pari (peer review) ta' l-istrateġija ta' Lisbona ta' l-UE, li jeżisti għall-gvernijiet ta' l-Istati Membri, sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet oħra interessati jkun jistgħu jibbenefikaw ukoll minn dawn l-iskambji bejn pari fl-UE kollha u jistudjaw forum differenti tal-flessigurtà;

4. jirakkomanda "summits" annwali sabiex tittejjeb l-interazzjoni parteċipattiva fil-livell Ewropew bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-KtR sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' l-aġenda, il-konsultazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-flessigurtà u l-Aġenda ta' Lisbona f'kuntest usa', li jkompli jibni fuq il-laqgħat dwar id-Djalogu Strutturati bejn il-KtR u l-Kummissjoni u fuq il-Pjattaforma ta' Monitoraġġ ta' l-istrateġija ta' Lisbona tal-KtR;

5. isejjaħ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tipprovdi informazzjoni rigward id-dibattiti dwar il-flessigurtà;

6. jirakkomanda li jinżammu dibattiti deċentralizzati dwar il-flessigurtà u t-twertiq tagħha bejn l-awtoritajiet lokali u reġjo-

nali, l-imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet non-governattivi u l-komunità ġenerali;

7. jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu attrezzati bil-poter u r-riżorsi finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jintervjenu fil-livelli rispettivi tagħhom. Il-promozzjoni tal-flessigurtà m'għandhiex tfisser spejjeż ogħla għall-awtoritajiet lokali u reġjonali jew it-tnaqir tad-drittijiet tax-xogħol;

8. jikkunsidra li hija biss infrastruttura komprensiva u permanenti tas-servizzi pubbliċi deċiżi, organizzati u ffinanzjati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħal per eżempju t-trasport, l-infrastruttura, l-akkomodazzjoni affordabbli, il-kura tat-tfal li tkun affordabbli, aċċessibbli u f'waqtha u kura għall-persuni b'diżabilità u l-anzjani, li tista' tipprovdi qafas sod għall-ksib ta' l-oġettivi ta' l-istrateġija ta' Lisbona;

9. għaldaqstant jenfassizza li d-dispożizzjonijiet legali Ewropej, li jirregolaw il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat u s-suq intern, għandhom jappoġġjaw it-twertiq u l-finanzjament tas-servizzi soċjali essenzjali;

Il-kunċett tal-flessigurtà

10. jikkunsidra li l-flessigurtà, bħala kunċett, m'għandhiex tkun mudell standardizzat li jista' jiġi applikat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha, iżda hija kunċett li għandu jkompli jiġi definit, b'konsegwenzi fuq firxa wiesgħa għal uħud mill-Istati Membri, u b'impatt limitat għal oħrajn;

11. jemmen li l-kunċett tal-flessigurtà għandu jikkoordina swieq tax-xogħol f'saħħithom u flessibbli ma' sistemi sikuri ta' sigurtà soċjali sabiex jinkisbu aħjar l-għanijiet ta' Lisbona: it-tkabbir, iktar impjegi u impjegi aħjar (u b'hekk jissaħħaħ il-mudell soċjali Ewropew), u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali;

12. jappoġġja l-ħolqien ta' suq tax-xogħol aċċessibbli, inklużiv u flessibbli, li jirrikonoxxi u jħeġġeġ l-ICT, u jippermetti skemi differenti ta' xogħol (jiġifieri x-xogħol mid-dar u t-teleworking);

13. jikkunsidra li għandu jkun hemm rikonoxximent aħjar tat-tibdil demografiku u l-kwistjonijiet ta' bejn il-ġenerazzjonijiet. Għandhom jiġu promossi miżuri għall-ħaddiema ikbar fl-età, bħax-xogħol flessibbli, l-etajiet tal-pensjonijiet u ta' l-irtirar, u t-taħriġ aħjar. Hemm bżonn ukoll li jitħeġġu t-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ aħjar u l-iskemi ta' mentoring għaż-żgħażaġh;

14. jikkunsidra li għandhom isiru iktar referenzi għall-kwintijiet ta' ugwaljanza għan-nisa u għal kulħadd. Għad hemm nuqqas kbir ta' impjegjiet fost in-nisa b'referenza għall-mira ta' l-istrategġija ta' Lisbona u bosta persuni b'diżabilità għandhom ħafna x'jikkontribwixxu u għandhom rwol sħiħ x'jaqdu fis-suq tax-xogħol. Għaldaqstant għandhom jittieħdu miżuri fil-kuntest tal-kunċett tal-flessigurtà fejn għad hemm in-nuqqasijiet;

15. jikkunsidra li l-flessigurtà tikkonċerna kemm lill-ħaddiem b'impjegjiet stabbli kif ukoll lill-persuni qiegħda, flimkien ma' dawk li jinsabu fir-riskju ta' l-esklużjoni soċjali. Il-politika tal-flessigurtà għandha toħloq opportunitajiet ġodda għall-aċċess għall-impjegjiet għal dawk li qiegħdin fix-xifer tas-suq tax-xogħol. Dan ser jgħin ukoll sabiex tissaħħa il-mobilità ta' l-impjegjiet u ċ-ċirkolazzjoni ta' l-impjegjiet fost dawk f'impjegjiet stabbli. F'dan ir-rigward, jinnota r-referenza tal-Kummissjoni Ewropea ta' bidla mill-idea ta' "sigurtà tal-post tax-xogħol" għal "sigurtà fl-impjegjiet" (li tfisser li wieħed m'għadux jista' jistenna li jżomm l-istess xogħol tul il-ħajja kollha bħala kondizzjoni normali ta' l-impjegjiet);

16. jemmen li l-fiduċja reċiproka u d-djalogu bejn l-imsieħba soċjali u l-parteċipazzjoni qawwija tagħhom fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali huma element meħtieġ sabiex tinkiseb il-flessigurtà; huwa diffiċli ferm li jtfasslu indikaturi komuni sabiex issir evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-flessigurtà. It-tweġġiq tal-flessigurtà fl-Istati Membri għandu jiġi evalwat fuq il-bażi ta' fatturi nazzjonali, li jikkunsidraw il-kondizzjonijiet politiċi, legali, istituzzjonali u tas-suq tax-xogħol. Għandu jinżamm amment ta' dawn il-kwintijiet meta tiġi żviluppata l-kooperazzjoni Ewropea;

17. fir-rigward tal-mobilità, jikkunsidra li l-flessigurtà interna hija komponent importanti tal-kunċett, billi din toffri lil min iħaddem progress fil-produttività u l-kompetittività, u fl-istess ħin tippermetti lill-impjegati li jibqgħu fl-istess post tax-xogħol għal perijodu itwal. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jingħaqdu ma' l-imsieħba soċjali fil-livell lokali sabiex jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakoli għall-flessigurtà interna (jiġifieri l-bżonn li l-ħaddiema jitgħallmu ħiliet ġodda), u b'hekk ikun hemm inqas tkeċċijiet ta' ħaddiema żejda u ċaqliq inutli;

L-erba' komponenti tal-flessigurtà

18. jemmen li nuqqas ta' ħarsien soċjali jista' jkun ta' theddida għall-flessibilità tas-suq tax-xogħol. Sabiex dan ir-riskju jtnaqqas kemm jista' jkun, l-erba' prinċipji tal-flessigurtà għandhom jiġu stabbiliti u rispettati b'mod indaq;

— *arranġamenti kuntrattwali flessibbli għal min iħaddem u għall-impjegat:*

19. filwaqt li jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tnaqqas il-firda bejn "dawk ta' ġewwa" (li għandhom impjegjiet) u "l-barranin" (li m'għandhomx impjegjiet), iħeġġeġ li d-drittijiet u l-ħarsien ta' dawk ta' ġewwa (li f'ċerti każijiet huma pjuttost bażiċi), ma jkunux kompromessi bħala riżultat tal-firda;

20. jappoġġja l-fehma li għandu jkun hemm liġijiet tax-xogħol ġusti u imparzjali fl-Istati Membri:

— dawn il-liġijiet mhux biss għandhom jinkludu, iżda wkoll jassiguraw, l-applikazzjoni tat-trattament indaq, il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà, il-libertà ta' l-assoċjazzjoni u r-rappreżentazzjoni, il-ftehim kollettiv u l-azzjoni kollettiva, u l-aċċess ġust għat-taħriġ;

— ix-xogħol mhux iddikjarat għandu jiġi indirizzat permezz ta' infurzar aħjar tal-liġi tax-xogħol;

— il-Kumitat tar-Regġuni jemmen li huwa importanti għall-UE u l-Istati Membri li jkunu involuti b'mod attiv, bħall per eżempju, fl-isforzi prattiċi ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-istandards internazzjonali tax-xogħol;

21. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li politika tax-xogħol Ewropea flessibbli għandha tindirizza u tikkunsidra l-kondizzjonijiet tal-ħajja u l-bżonnijiet tal-popolazzjonijiet rispettivi. Il-promozzjoni tat-terminu "flessigurtà" m'għadux iwassal għad-dgħjufija minn naħa waħda biss ta' l-istandards reġjonali u soċjali, fejn applikabbli;

22. huwa tal-fehma li frażi bħall "*arranġamenti għall-kuntratti li jkunu flessibbli u affidabbli*" jagħtu lok għat-tħassib, billi dan jippermetti wkoll għad-deregolamentazzjoni ta' kondizzjonijiet normali tax-xogħol sabiex jiġi estiż l-impjegjiet prekarju;

— *politiki attivi tas-suq tax-xogħol:*

23. jemmen ħafna li l-istrategġija ta' Lisbona tittratta kemm dwar il-kwalità kif ukoll dwar il-kwantità ta' l-impjegjiet, u l-ħlas għax-xogħol għandu jmur lil hinn mill-benefiċċji. Għal dan il-għan, l-UE u l-Istati Membri għandhom iħeġġu impjegjiet "ta' kwalità" billi jippromovu l-ħolqien ta' swieq tax-xogħol inklużivi u sostenibbli u għandhom jindirizzaw l-isfidi spjaċevoli tal-ħaddiema f'qar u d-diskriminazzjoni waqt li jiffokaw fuq "il-kwalità" billi jippromovu politiki attivi tas-suq tax-xogħol sabiex jindirizzaw il-qgħad. Ix-xogħol huwa l-aħjar protezzjoni kontra l-esklużjoni soċjali: il-qgħad/l-inattività tista' twassal għall-inugwaljanza u d-diviżjonijiet fis-soċjetà;

24. jassumi li l-promozzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-flessigurtà jistgħu jżidu pressjoni addizzjonali fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jgħinu lil dawk bl-inqas ċans li jsibu impjegjiet;

25. jemmen li progress reali jista' jsir biss permezz ta' devoluzzjoni, lokalizzazzjoni u spinta fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, u fil-programmi ta' impjegjiet u ħiliet billi bosta programmi u sistemi jimponu regoli u kriterji li għall-gruppi ewlenin jistgħu jservu bħala ostakolu għall-progress mill-qgħad għall-impjegjiet. Fejn japplika, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkollhom id-diskrezzjoni sabiex iduru mar-regoli nazzjonali, per eżempju t-tul ta' żmien li persuna li qiegħda tfittex ix-xogħol trid tqatta' tikklejmja l-benefiċċji

qabel ma tkun eliġibbli għall-appoġġ tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, it-tip ta' appoġġ u mentoring li għandhom jingħataw lil persuni li jagħmlu klejm fuq bażi regolari u ripetuta, jew it-tipi ta' taħriġ li huma possibbli filwaqt li wieħed jibqa' jirċievi l-benefiċċji;

26. jemma li s-swieq tax-xogħol fihom infushom huma ta' natura lokali jew reġjonali mhux nazzjonali. Per eżempju, is-swieq tax-xogħol għandhom varjazzjonijiet lokali jew reġjonali skond l-impjeg u l-pagi, industrij lokali bi bżonnijiet ta' ħliet speċifiċi, gruppi lokali ta' persuni fuq il-benefiċċji, persuni b'nuqqas ta' ħliet, u nuqqas ta' xogħol, kif ukoll provvedituri li jappoġġjaw il-gruppi żvantaġġati fil-komunitajiet lokali. Ir-raġunijiet għall-qgħad iridu jiġu mifhuma u enfasizzati. Ċerti gruppi għandhom livelli ogħla ta' qgħad; dawn jinkludu l-minorenni li jkunu haġġ mill-kura, ħaddiema ikbar fl-età, ġenituri waħedhom, persuni b'diżabilità, eks-ħabsin, ċerti minoritajiet etniċi, u persuni bi problemi tad-drogi, l-alkoħol jew il-mard mentali;

27. jagħraf li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jħeġġu, jagħtu parir u jgħinu lil dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol billi jfasslu u jippersonalizzaw il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ta' l-Istati Membri għall-bżonnijiet individwali u lokali. Dawn jikkoordinaw sħubijiet mas-settur privat u dak tal-volontarjat u fis-settur pubbliku sabiex jingħabru flimkien is-servizzi u l-organizzazzjonijiet varji meħtieġa ħalli jgħinu persuna tidħol fis-suq tax-xogħol. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jitħeġġu sabiex jisfruttaw approċċi u metodi ġodda u innovattivi sabiex jiġbru flimkien il-politika ta' l-impjeg u dik ta' l-iżvilupp tal-ħliet. L-isħubijiet jiffaċilitaw id-diviżjoni tal-prijoritajiet lejn il-ksib ta' miri konġunti u ħafna drabi jiffaċilitaw il-ġbir tar-riżorsi sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' l-attività u jwasslu għal riżultati iktar iffokati;

28. jemma li hemm bżonn ta' appoġġ fil-forma ta' għajna fil-komunità, (ħafna drabi mwettaq minn organizzazzjonijiet komunitarji), qabel u wara d-dħul fl-impjeg sabiex jiġi assigurat li l-ħaddiema l-ġodda jżommu posthom fis-suq tax-xogħol;

29. jemma li hemm bżonn ta' servizzi li jkunu kapaċi jqabbli dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol ma' l-impjeg li jagħmel l-aħjar użu mill-ħliet u l-interessi tagħhom. Dejjem hemm iktar opportunità li wieħed itejjeb il-profil ta' xogħlu minn ġewwa s-suq tax-xogħol flok minn barra;

— sistemi ta' taġħlim tul il-ħajja li huma affidabbli u flessibbli li jassiguraw l-adattabilità kontinwa u l-impjegabilità tal-ħaddiema;

30. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol essenzjali fl-influenzar tal-livelli tal-ħliet billi jipprovdu t-taħriġ u l-edukazzjoni. Barraminhekk, dawn huma impjegaturi prinċipali u għalhekk għandhom dmir li jtejbli l-ħliet tal-forza tax-xogħol tagħhom u tal-komunità sħiħa;

31. jemma li t-taġħlim tul il-ħajja għandu jkun reali u aċċessibbli għan-nies tul ħajjithom kollha. Kulħadd għandu jitħeġġeġ

sabiex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu, li għandu jiġi rikonoxxut u appoġġjat minn min iħaddem u s-soċjetà. Għandha ssir promozzjoni tal-kwalità tat-taħriġ u t-taħriġ addizzjonali li jiġi pprovdut qabel kif ukoll wara l-bidu ta' l-impjeg;

32. jikkunsidra li huwa essenzjali li n-nies jitħeġġu sabiex jithegħmu ħliet intraprenditorjali ħalli jkunu jistgħu jwaqqfu l-intrapriżi tagħhom stess u b'hekk jtkattar it-tkabbir ta' l-SMEs, li għandhom natura lokali billi jimpjegaw nies lokali, jużaw servizzi lokali u jinvestu fiż-żona lokali;

33. jemma li min iħarreġ għandu jidentifika aħjar dawk il-persuni li għandhom bżonn taġħlim assistit billi numru kbir ta' nies li ma jifhmux il-prinċipji bażiċi tal-matematika u nies illetterati jibqgħu jaħdmu f'impjegji b'paga baxxi mingħajr qatt ma jiġu identifikati ħiliethom;

34. jirrakkomanda li t-taħriġ u t-taħriġ addizzjonali u, f'każijiet partikulari, il-korsijiet tat-taħriġ mill-ġdid għandu jiġi offrut parzjalment minn min iħaddem billi jibbenefika mill-għarfien ta' l-impjegati tiegħu u għalhekk għandu jinvesti fl-iżvilupp tal-ħliet. Hemm bżonn ta' riżorsi adegwati għall-awtoritajiet lokali u reġjonali jekk jassumu responsabilità addizzjonali għall-ħarsien tat-taġħlim tul il-ħajja fil-każ li ż-żieda fil-mobilità tal-ħaddiem tnaqqas ir-rieda ta' min iħaddem sabiex iħarreġ il-persunal;

35. jemma li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jirreaġixxu malajr u b'mod effettiv għall-impatt tar-ristrutturar fl-impjeg bħal, per eżempju, it-tkeċċijiet minħabba l-għeluq ta' impjanti ta' manifattura. Dawn għandhom l-għarfien u l-esperjenza sabiex jiżviluppaw proġetti mħallsa mill-Fond Soċjali Ewropew eċċ. sabiex iħarreġ mill-ġdid, jagħtu parir, u javvanzaw il-ħliet tal-ħaddiema milquta b'tali mod li jkun hemm rabta bejn il-ħliet u l-impjegji ġodda li jinħolqu. Bl-istess mod, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jirreaġixxu u jipprovdu t-taħriġ mill-ġdid u l-iżvilupp mill-ġdid tal-ħliet. It-telf ta' impjegatur prinċipali jkollu effetti fuq perijodu fit-tul fuq il-komunità lokali, inklużi l-ħliet taż-żgħażaġ u l-prospetti għall-impjeg, sit tal-fabbrika mitluq, u impatt fuq il-provvedituri lokali tal-prodotti u s-servizzi. Sħubija li taħdem hija soluzzjoni ewlenija għal dawn l-isfidi sabiex l-organizzazzjonijiet kollha, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-aġenziji pubbliki għall-impjeg u t-taħriġ, it-trade unions, il-gruppi lokali u l-korpi industrijali jkunu jistgħu jikkoordinaw l-attività tagħhom sabiex jassiguraw li r-riżorsi qegħdin jiġu identifikati b'mod effettiv;

36. filwaqt li jemma li huwa xieraq li n-nies ikollhom il-ħliet neċessarji sabiex ikunu jistgħu jadattaw għal sfidi ġodda, jikkunsidra li hemm bżonn ta' bidla kulturali sabiex in-nies ikunu jistgħu jikkompensaw għar-riskji fis-suq tax-xogħol iżda din il-bidla fl-attitudni ser titwettaq biss jekk l-erba' komponenti kollha tal-flessigurtà ma jwasslux għat-tnaqqir tad-drittijiet tax-xogħol, u jekk il-mekkaniżmi għall-implementazzjoni tagħhom ikunu sodi u jitwettqu bl-istess importanza;

— sistemi moderni ta' sigurtà soċjali għandhom jgħaqqdu l-appoġġ xieraq għad-dħul finanzjarju mal-bżonn li tiġi ffaċilitata l-mobilità fis-suq tax-xogħol

37. iħeġġeġ rabtiet aħjar fil-livell ta' l-UE bejn id-dibattitu dwar il-flessigurtà u l-aġenda ta' l-UE għall-Inklużjoni Attiva. L-UE m'għandhiex tinsa l-għanijiet tagħha għall-inklużjoni soċjali fkuntest wiesgħa u l-Mudell Soċjali Ewropew. Programmi għas-sigurtà soċjali li jkunu dgħajfa huma impediment għas-swieq flessibbli tax-xogħol u fl-aħħar mill-aħħar ixekklu t-tkabir ekonomiku. Is-sigurtà ekonomika hija prerekwiżit għall-ħaddiema kollha, ikun xi jkun il-livell ta' responsabilità tagħhom (baxx, medju jew għoli), u sistemi adegwati għas-sigurtà soċjali għandhom jappoġġjaw lin-nies sew meta jbidlu l-impjeg u sew sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol;

38. jirrakkomanda li jinżammu dibattiti nazzjonali bejn il-gvernijiet ta' l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-imsieħba soċjali dwar il-livell meħtieġ ta' sigurtà soċjali sabiex tinkiseb il-flessigurtà. L-effikaċja tat-transizzjonijiet hija ddeter-

minata minn kemm huma b'saħħithom is-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri;

39. jemmen li flimkien ma' l-organizzazzjonijiet non-governattivi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali joffru vuċi qawwija lill-"barranin". Dawk li huma l-iktar vulnerabbli għandhom ikomplu jkunu mħarsa;

40. jagħraf li l-livelli tal-qgħad baqgħu għoljin b'mod stinat fl-UE kollha b'nies li waqgħu fid-dipendenza mill-benefiċċji, u li ħafna minnhom huma persuni li jagħmlu klejms b'mod ripetut. Jemmen li l-progress ġenwin jista' jsir biss permezz ta' devoluzzjoni, lokalizzazzjoni u spinta fil-programmi Ewropej għall-impjeg u l-ħiliet;

41. anke f'dawk l-Istati Membri ta' l-UE fejn il-gvernijiet nazzjonali jistabbilixxu l-baġit sħiħ għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għall-interventi fis-suq tax-xogħol, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkollhom id-diskrezzjoni li jiġġestjonaw dawn il-fondi skond kif iħossu xieraq f'qafas nazzjonali, u b'hekk ikunu jstgħu jużaw il-flus bl-iktar mod effiċjenti sabiex jitnaqqas in-numru ta' nies li jagħmlu klejms għall-benefiċċji.

Brussell, is-7 ta' Frar 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Regġuni
Luc VAN DEN BRANDE